Parlament Ewropew

# Rapport ta' Hidma

## Prof. Edward Scicluna MEP

Ewroparlamentari Laburista

Jannar- Gunju 2011

# 1. Introduzzjoni

Fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena l-Ewroparlamentari Laburista l-Professur Edward Scicluna kompla bil-hidma tieghu fil-Parlament Ewropew fl-interess tal-Maltin u Ghawdxin billi wettaq u kkontribwixxa lejn Rapporti u Opinjonijiet sew bhala Rapporteur kif ukoll Shadow Rapporteur, tkellem fil-Kumitati li hu membru taghhom, kif ukoll fil-Plenarja u laqghat tal-Grupp tal-Alleanza tas-Socjalisti u Demokratici (S&D), ressaq emendi, u zamm qrib mal-kostitwenti tieghu permess ta' laqghat u uzu tal-media.

Prof. Edward Scicluna jokkupa l-kariga ta'

- Vici-President tal-Kumitat ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji (ECON);
- Membru tad-Delegazzjoni ghall-Assemblea Parlamentari Kongunta AKP-UE;
- Sostitut fil-Kumitat ghall-Ambjent, is-Sahha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel; u
- Sostitut fid-Delegazzjoni ghar-Relazzjonijiet mal-Pajjizi tax-Xlokk tal-Asja u mal-Assocjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN).

# 2. Xoghol Parlamentari

**ATTENDENZA FIL-PLENARJA**

Matul dan il-perjodu Prof. Scicluna attenda il-laqghat kollha tal-Plenarja minbarra tlieta fejn bil-permess tal-President tal-Parlament gie skuzat biex ikun jista' jwettaq xoghol tal-Unjoni Ewropea bhala Osservatur Ewlieni fl-Elezzjonijiet Presidenzjali u Parlamentari fl-Uganda.

**INTERVENTI FIL-PLENARJA**

L-interventi fil-Plenarja li jkunu dwar is-suggetti tar-Rapporti li fuqhom ikun se jittiehdu l-voti. Prof. Scicluna iffoka fuq temi ta' interess ghal pajjizna:

- ir-rimedji ghal krizi finanzjarja u ekonomika specjalment fiz-zona ewro,
- l-immigrazzjoni irregolari specjalment fl-isfond ta' dak li qed jigri fl-Afrika ta' Fuq, specjalment il-Libja.

Huwa jinghata hin itwal biex jindirizza l-Plenarja meta jitkellem fil-kapacita tieghu ta' Rapporteur jew Shadow Rapporteur.

***Rimedji ghal Krizi Finanzjarja u Ekonomika***

Fit-8 ta' Marzu, 2011, Prof. Edward Scicluna spjega l-appogg tieghu ghar-Rapport imressaq mill-MEP Anni Podimata u li kien jitratta l-Global Financial Transaction Tax.

Fid-9 ta' Marzu, 2011, Prof. Edward Scicluna, li kien r-Rapporteur ta' Opinjoni tal-Kumitat ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji, dwar bdil fit Trattat biex jinholoq Mekkanizmu Finanzjarju Permanenti ghall-pajjizi taz-Zona Ewro ghamel intervent fis-Sessjoni Plenarja fejn laqa' bil-ferha r-rapport li jghid car li ebda Membru Stat li l-munita tieghu hija l-ewro u li jikkontribwixxi ghall-fond, ma jigi eskluz ghal raguni ta' kobor jew cokon.

Fis-6 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna ghamel intervent dwar il-process ta' ghazla ta' Direttur Manigerjali gdid tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). Prof. Scicluna qal li min se jinghazel ghal din il-kariga kien diehel ghal bicca xoghol kbira u iebsa hafna. Is-snin li gejjin mistennijin li jkunu dominati minn riformi kbar fl-oqsma finanzjarji internazzjonali u fil-governanza ekonomika. Wera t-tama li l-ghazla tkun bazata fuq il-mertu u mhux fuq il-kriterju politiku. Ilmenta li l-UE tista' taghmel ferm aktar f'livell globali bhalma huma l-G20, il-FMI u d-WTO.  Qal li l-UE ma titkellimx b'vuci wahda u dan huwa nuqqas kbir li jaffettwa partikolarment lil pajjizi zghar bhal Malta li m'ghandhomx is-sahha diplomatika li ghandhom il-pajjizi kbar.

Fit-22 ta' Gunju, 2011 fi Brussels Prof. Scicluna intervjena fid-dibattitu dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-izbilanci makroekonomici; l-implimentazzjoni tal-procedura ta' deficit eccessiv; ir-rekwiziti ghall-oqfsa bagitarji tal-iStati Membri; is-sorveljanza bagitarja fiz-zona ewro; is-sorveljanza ta' pozizzjonijiet bagitarji u s-sorveljanza u l-kordinazzjoni ta' politika ekonomika; mizuri ta' infurzar biex jikkoregu zbilanci makroekonomici eccessivi fiz-zona tal-ewro. Rapport wiehed li ghamel sforz biex jibni kunsens fuq securities ghall-ewro, twarrab fl-ahhar minuta mill-Kunsill u spicca sempliciment weghda ta' weghda. Kien ta' dizappunt kbir li wara hafna xhur, l-ebda wahda minn dawn il-proposti intelligenti li kien hemm fuq il-mejda ma sabet ruhha f'dan il-pakkett. Prof. Scicluna appella biex kulhadd izomm f'mohhu li l-objettiv shih ta' dan l-ezercizzju huwa li naraw li l-Ewropa tqum fuq saqajha minn din is-sitwazzjoni difficli u tibda tigri 'l quddiem biex issir kompettittiva globalment.

Fit-23 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna astjena milli jivvota fuq ir-Rapport ta' Sylvie Goulard, rapport li tieghu kien Shadow Rapporteur. Fi spjegazzjoni bil-miktub dwar l-astensjoni tieghu, Prof. Scicluna wera d-dispjacir tieghu li minkejja l-isforzi kbar min-naha tar-rapporteur, il-Kunsill jew biddel inkella warrab hafna proposti tajbin li kienu saru. Minkejja li kien Shadow Rapporteur f'isem il-Grupp tas-Socjalisti u d-Demokratici (S&D) u jaqbel ma' whud mill-emendi li saru, ma jaqbilx li jkun hemm rata komuni ta' 'corporate taxation'. Qal li kienet mehtiega kordinazzjoni ahjar dwar il-politika ekonomika imma l-politika ta' tassazzjoni ghandha tithalla f'idejn l-iStati Membri.

***L-Immigrazzjoni Irregolari***

Fid-9 ta' Marzu, 2011, ghamel intervent dwar il-Vicinat tan-Nofsinhar, u b'mod partikolari l-Libja, inkluzi l-aspetti umanitarji. Filwaqt li ferah lil Ana Gomes ghar-Rizoluzzjoni taghha, wera d-dizappunt tieghu ghan-nuqqas ta' appogg min-naha tal-EPP ghal ftehim biex l-UE tkun imhegga tipprepara pjan u tarma lilha innifisha biex tlahhaq mar-rizultat tal-krizi Libjana, partikolarment fejn jidhlu politika ta'

migrazzjoni u rilokazzjoni. Qal li s'issa, gzira zghira bhal Malta gara tal-Libja, ghamlet dak kollu possibbli biex tghin b'kull mod. Tlettax-il elf ruh minn 89 pajjiz differenti kienu evakwati bil-lanec u l-ajruplani Maltin, xi haga li kienet qed tpoggi kemm lil-lanec kif ukoll lill-ajruplani u l-ekwipaggi taghhom fil-periklu. Malta ghamlet dan mhux minhabba xi legislazzjoni tal-UE u certament mhux minhabba Frontex. Malta agixxiet fuq bazi umanitarja u nehhiet momentarjament anke l-bzonn ta' visa biex dawn jidhlu fil-pajjiz. Kien principju ta' solidarjeta. Jekk hux qed niffaccjaw influss ta' immigranti f'proporzjonijiet biblici, ma nistghux nghidu. Certament li se jkunu kbar u sinifikanti ghal Malta. Il-poplu Malti mhux qed jistaqsi ghall-applikazzjoni tal-Ftehim Dublin II jew ir-regolamenti tal-Frontex. Il-poplu Malti qed jitlob solidarjeta u politika ta' rilokazzjoni bazata fuq il-principju li l-piz jingarr bejn kulhadd. Huwa ta' dizappunt u ma jitwemminx li tara lill-EPP jfarfru din ir-responsabbilta.

Fl-4 ta' April, 2011, Prof. Scicluna ha sehem fid-dibattitu dwar ir-reazzjoni tal-Unjoni Ewropea ghall-influssi tal-migrazzjoni fl-Afrika ta' Fuq u fin-Nofsinhar tal-Mediterran, b'mod partikolari f'Lampedusa, flussi migratorji li joriginaw mill-instabilita: ambitu u rwol tal-politika barranija tal-UE. Prof. Scicluna qal li s-sitwazzjoni fil-Libja kienet wahda incerta ghajr ghall-fatt li holqot krizi umanitarja. Kif jikkonferma r-Rapport, fejn ikun hemm konflitti bl-armi, specjalment jekk ikunu jinvolvu wkoll abbuz mid-drittijiet umani, se jkun hemm zjieda fin-numri ta' dawk li jmorru lejn l-eqreb pajjiz gar. Bis-sitwazzjoni kif inhi l-programm tal-UE permezz tal-Frontex ma jistax ikun l-ahjar ghodda biex tahdem biha fil-konfront ta' livelli daqstant kbar ta' migrazzjoni. Qal li l-UE ghandha minn issa jkollha pjan adekwat biex tilqa' ghal sitwazzjoni bhal din li jkun jinkludi li l-piz jinqasam biex ir-refugjati jkunu mghejjuna jsibu post gdid b'mod kordinat. Qal li bhala MEP Malti, huwa ta' dizappunt ghalih li l-Kummissjoni apparentement mhix preparata bizzejjed biex taffronta krizi li ilha tinhass li se tkun inevitabbli.

Fi Strasbourg fl-10 ta' Mejju, 2011 irrefera ghall-kwistjoni li nqalghet bejn Franza u l-Italja f'Ventimiglia meta l-Francizi waqqfu ferroviji Taljani li kien fihom immigranti Tunezini u rrifjutaw li t-Tunezini jidhlu Franza. Prof. Scicluna qal li l-pozizjoni aggressiva li hadu l-mexxejja politici Francizi u Taljani fir-rigward ta' dan l-incident ma kellha x'taqsam xejn mal-Ftehim Schengen, imma aktar kienet ezercizzju biex jippruvaw jimpressjonaw lic-cittadini taghhom. 'Il madwar 20,000 migrant, fil-bicca kbira taghhom kienu migranti li qeghdin ifittxu mpjieg u opportunitajiet ekonomici ahjar. Qal li t-Tunezija kien jehtigilha ghajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea ghal programmi ta' zvilupp ekonomiku ghall-holqien tax-xoghol ghaz-zaghzagh taghha u mhux ssofri billi titlef l-ahjar imhuh taghha kif kien qed isir. Madankollu, sostna Prof. Scicluna, dan m'ghandux jaljenana milli naqbdu l-problema minn qrunha dwar kif l-ahjar li naghmlu biex inlahhqu mal-migrazzjoni ta' persuni mill-Afrika ta' Fuq li genwinament qeghdin ifittxu azil u li qeghdin jaharbu u se jkomplu jaharbu minn pajjizi mifnijin mill-gwerer. Biex isir dan m'hemmx bzonn li mmorru lura ghall-kontrolli fuq il-fruntieri. Il-principji tal-UE jinkludu s-solidarjeta u d-dritt tal-moviment hieles minn pajjiz ghall-iehor u allura m'ghandhomx jittiehdu passi li jmorru lura minn dawn il-principji. It-Trattati tal-UE jipprovdu ghat-twaqqif ta' sistema wahda ta' azil u li l-piz jinqasam bejn il-pajjizi membri. Flok ma naghtu l-faham lill-populizmu lemini, ghandna, bhala Ewropej nahdmu biex indahhlu l-legislazzjoni mehtiega.

**MISTOQSIJIET PARLAMENTARI**

Fit-30 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna pprezenta Mistoqsija Parlamentari lill-Kummissjoni Ewropea li fiha talab kjarifika dwar l-uzu baxx mill-fondi ta' koezjoni tal-Unjoni Ewropea allokati lil Malta u

partikolarment x’jigri minn fondi mhux uzati minkejja li jkunu allokati, fis-sens jekk dawn jizdiedux ghas-snin ta’ wara jew jekk jintilfux.

**KUMITAT GHALL-AFFARIJIET EKONOMICI U MONETARJI (ECON)**

***Rapporti***

Il-Parlament Ewropew hatar lil Prof. Scicluna bhala co-rapporteur tieghu fuq il-Kumitat Ekonomiku biex jahdem fuq il-proposta li l-Unjoni Ewropea tbiddel it-Trattat Ewropew biex tistabbilixxi Fond ta’ Stabbilita Finanzjarja Permanenti. It-twaqqif ta’ dan il-kumitat u l-hatra ta’ Prof. Scicluna huma b’rizultat ta’ decizjoni tas-summit tal-Kunsill Ewropew ta’ Dicembru 2010 li jsir tibdil fit-Trattat tal-UE bil-ghan li jinholoq fond permanenti biex jiehu post il-mizuri temporanji li intuzaw biex ikunu ta’ ghajnuna lill-Grecja u lill-Irlanda fil-krizi kawzata mid-djun.

Ir-Rapport dwar l-abbozz ta’ decizjoni tal-Kunsill Ewropew li jemenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE fir-rigward ta’ mekkanizmu ta’ stabbilita ghall-iStati Membri li l-munita taghhom hija l-ewro u li fuqu hadem Prof. Edward Scicluna flimkien mal-MEP Franciz Jean-Paul Gauzes, kiseb appogg assolut fil-Kumitat Ekonomiku tal-Parlament Ewropew. Ir-Rapport kien approvat bi 33 vot favur u sitta kontra.

***Il-Pakkett ta’ Governanza***

Il-Pakkett ta’ Governanza Ekonomika kien iffurmat minn sitt rapporti. Prof. Scicluna kien jifforma parti minn grupp ta’ erba’ Membri Parlamentari Ewropej minn hdan il-Grupp tas-Socjalisti u d-Demokratici li nnegozjaw fuq is-sitt rapporti. Prof. Scicluna kien ix-Shadow Rapporteur u in-negozjatur fuq zewg Rapporti mhejjijin mill-MPE Liberali Franciza Sylvie Goulard u l-MPE Konservattiv Poertugiz Diogo Feio. F’dawn l-ahhar sitt xhur dan is-suggett kien wiehed mill-aktar diskuss fil-livelli varji tal-Parlament Ewropew, kumitati, u gruppi politici.

Ir-Rapport Sylvie Goulard kien dwar il-proposta ghal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar effettiv tas-sorveljanza bagitarja fiz-Zona Ewro. Ir-Rapport jitratta fit-tul l-uzu ta’ sanzjonijiet finanzjarji bhala ghodda biex tippreveni milli jkun hemm pajjizi li jaslu f’livelli perikoluzi fejn jirrigwarda djun u deficits. Il-pozizzjoni tas-Socjalisti u d-Demokratici (S&D) dejjem kienet li ghandu jkun hemm sanzjonijiet, imma ma jaghmel ebda sens li jkollok multi tant severi li jkollok pajjizi li sempliciment jirrifjutaw li jhallsuhom.

Ir-Rapport Diogo Feio kien b’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-governanza ekonomika u tal-qafas ta’ statistika tal-Unjoni, b-mod partikolari fiz-Zona Ewro. Prof. Scicluna ta parir lill-Grupp tieghu biex jivvotaw kontrih kif fil-fatt sar. Ir-Rapport gie approvat bi ftit, 339 vot favur u 304 kontra. Kien hemm hafna astensjonijiet.

Is-Socjalisti vvotaw favur tnejn biss mis-sitt rapporti li jiffurmaw il-Pakkett ta’ Governanza Ekonomika.

Fi stqarrija li hareg ghall-media fit-23 ta’ Gunju, 2011, Prof. Scicluna ddeskrieva l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew ghall-Pakkett ta’ Governanza kif propost bhala telf ta’ opportunita kbira ghall-Unjoni Ewropea, approvazzjoni boghod mill-aspettattiva ta’ tehid ta’ decizjonijiet kuragguzi biex tkun kumbattuta l-krizi ekonomika fl-Ewropa u li jitpoggew f’posthiom mizuri ta’ sigurta’.

Fit-18 ta' Jannar, 2011, Prof. Scicluna kien parti mid-delegazzzjoni tal-ECON iffurmata mir-Rapporteurs u Shadow Rapporteurs li qed jahdmu fuq il-Pakkett ta' Sitt Rapporti f'laqgha mal-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek.

Fl-24 ta' Jannar, 2011, Prof.  Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON ghal tahditiet mal-President tal-Kunsill tal-Ministri tal-Finanzi (ECOFIN) Gyorgy Matolcsy, Ministru tal-Finanzi tal-Ungerija fuq il-Pakkett ta' Governanza.

***Trilogue Meetings***

Bejn April u Gunju 2011 Prof. Scicluna ha sehem f'disa' laqghat, imsejhin Trialogue Meetings li matulhom saru negozjati bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kumissjoni biex jintlahaq ftehim fuq is-sitt Rapporti li jiffurmaw Pakkett fuq l-Governanza Ekonomika. Prof Scicluna huwa Shadow Rapporteur ghal Grupp tieghu fuq ir-Rapport Feio u r-Rapport Goulard.

***Interventi Ohra fl-ECON***

Fil-laqghat ta' kull xhar Prof Scicluna gie maghzul biex jaghmel mistoqsija  lil  Jean-Claude Trichet, President tal-European Central Bank, waqt djalogu monetarju li l-ECON ikollu mieghu.

Fl-1 ta' Frar, 2011, Prof. Scicluna kien ha sehem fl-intervisti li saru lil Steven J. Maijoor ghall-kariga ta' Chairman  Securities and Markets Authority; Gabriel Ribeiro Tavares Bernardino ghall-kariga ta' Chairman European Insurance and Occupational Pensions Authority; u Andrea Enria, ghall-kariga ta' Chairman European Banks Authority.

Fit-2 ta' Frar, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha li saret ma' John Monks (ETUC) u Philipe de Buch (Business Europe) dwar il-Governanza Ekonomika.

Fil-15 ta' Marzu, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha bejn il-President tal-ECON u l-Ministru tal-Affarijiet Ekonomici, Finanzi u Industrija ta' Franza, Christine Lagarde, u mal-Ministru tal-Finanzi Germaniz, Wolfgang Schauble, dwar il-Pakkett ta' Governanza Ekonomika.

Fis-16 ta' Marzu, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON li matulha kien intervistat Peter Praet, kandidat ghall-kariga ta' membru fuq il-Bord Ezekuttiv tal-European Central Bank.

Fis-16 ta' Mejju, 2011, Prof. Scicluna attenda f'laqgha msejha Troika Meeting mal-President tal-Kunsill u mal-presidenza sussegwenti (Polonja u Danimarka), u mal-Kummissarju ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji, Oli Rehn, dwar il-Governanza Ekonomika.

Fil-21 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna tkellem f'zewg laqghat separati tal-ECON mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi ta' Bermuda, Paula Ann Cox u mal-President tal-ECOFIN u Ministru tal-Finanzi tal-Ungerija, Gyorgy Matolcsy.

Fis-7 ta' Marzu, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON li matulha sar djalogu ma' Oli Rehn, Kummissarju ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji.

Fis-16 ta' Marzu, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON li matulha sar djalogu ma' Johnny Akerholm, Chairperson ta' li Statistical Governance Advisory Board.

Fl-istess gurnata ha sehem f'laqgha li saret mad-Direttur Ezekuttiv tal-World Bank Dominique Strauss-Khan li matulha tqajmu suggetti li jirrigwardaw interess komuni tal-World Bank u l-Parlament Ewropew.

Fit-22 ta' Marzu, 2011 Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON li kellha djalogu mal-Kummissarju ghall-Kompetizzjoni, Joaquin Almunia.

Fis-6 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON li ddiskutiet programmi ta' aggustament ghall-Grecja, l-Irlanda u l-Portugall ma' Oli Rehn, Kummissarju ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji u ma' Jean Claude Junker, President tal-Eurogroup.

Fil-11 ta' Lulju, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-ECON l ma' Algridas Semeta, Kummissarju ghat-Tassazzjoni, Dwana, Awditjar u Anti-Frodi dwar it-taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji.

***Ghawdex u l-Grupp Interparlamentari fuq il-Gzejjer***

Fit-3 ta' Frar, 2011, Prof. Scicluna ha sehem f'laqgha tal-Intergroup on Mountains, Islands and Sparsely Populated Areas. Dwan il-laqghat iservu biex Prof Scicluna jaqsam l-esperjenzi u jigbor informazzjoni fuq il-gzejjer biex b'hekk ihares l-interessi u l-bzonnijiet ta' Ghawdex.

***Kariga ta' Vici-President u Attivitajiet Ohra***

Permess ta' din il-kariga huwa ppresieda ghal partijiet tas-seduti tal-Kumitat ECON, u tkellem fil-Plenarja f'isem il-Kumitat fl-assenza tal-President Sharon Bowles. Huwa rrparezenta lil Kumitat fil-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament.

*Centre for European Policy Studies (CEPS).*
Fit-22 ta' Marzu, 2011 Prof. Edward Scicluna indirizza attivita imtella' mis-Centre for European Policy Studies (CEPS). Is-CEPS huwa Think Thank ewlieni fuq suggetti li jirrigwardjaw l-Unjoni Ewropea. It-tema kienet "The Lisbon Treaty Changes: Theory Applied". Huwa tkellem dwar it-twaqqif tal-Mekkanizmu ghal Stabbilita Ewropea, u l-poteri tieghu rizultat tat-tibdil fit-Trattat.

*House of Lords*
Fis-16 ta' Marzu, 2011 Prof. Edward Scicluna gie mitlub jaghti prezentazzjoni waqt diskussjonijiet li saru fi Brussels ma' membri mill-Kumitat Maghzul tal-House of Lords ghall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit. Iz-zjara fi Brussels kienet parti mill-istharrig li d-delegazzjoni Ingliza ghamlet dwar is-sitwazzjoni fis-Sud Sudan u l-kwistjoni tal-governanza fir-regjun u f'pajjizi sub-Sahara.

*Zjara Presidenzjali fl-iSvizzera*
Fid-9 u l-10 ta' Gunju, 2011, Prof. Edward Scicluna rrapprezenta lill-Kumitat ghall-Affarijiet Ekonomici u Monetarji (ECON), li tieghu huwa Vici Chairman f'diskussjonijiet bilaterali ma' delegazzjoni mill-Kumitat Ekonomiku tal-Parlament Zvizzeru mmexxija mill-President tal-Kumitat Hansruedi Wandfluh. Hu kien membru minn delegazzjoni tal-Parlament Ewropew (PE) li akkumpanjat lill-President tal-PE Jerzy Buzek ghal zjara Presidenzjali fl-Izvizzera, l-ewwel wahda tax-xorta taghha. Fost is-suggetti diskussi kien hemm Il-Pakkett ta' Governanza Ekonomika u r-Regolamenti Finanzjarji diskussi fil-PE.

*Kelliem Ewlieni f'laqgha mal- European Australian Business Council (EABC)*
Il-qofol tad-diskors li Prof. Scicluna ghamel lill-European Australian Business Council (EABC) f'laqgha

li saret fi Strasbourg fit-8 ta' Gunju, 2011 kienet dwar ir-reazzjoni Ewropea ghall-krizi finanzjarja, iffukata kemm fuq riformi fis-settur finanzjarju kif ukoll fuq il-Pakkett ta' Governanza Ekonomika propost mill-Unjoni Ewropea u l-implikazzjoni taghhom fuq in-negozju internazzjonali u r-relevanza taghhom ghall-Awstalja.

Huwa kien il-mistieden tal-Ambaxxatur Awstraljan ghall-UE, Dr Brendan Nelson, biex jaghmel id-diskors ewlieni tal-okkazjoni. Id-delegazzjoni tal-EABC kienet tinkludi lic-Chairmen ta' HSBC Australia; Pricewaterhouse Australia u Citigroup Australia kif ukoll lill-Vici-Kancillier tal-Universita ta' Monash, u rapprezentanti gholjin minn faxxa wiesgha ta' korporazzjonijiet multinazzjonali Awstraljani.

*Forum Ewropew ghall-manifattura (FEM)*
Fid-29 ta' Gunju, 2011, Prof. Scicluna fil-kariga ta' Vici-President tal-ECON ippresieda f'isem il-Parlament Ewropew il-'Financial Framework for Manufacturing' Roundtable organizzata mill-Forum Ewropew ghall-manifattura (FEM). Il-laqgha saret fi Brussels.

*Network for Enhanced Electoral and Democratic Support (NEEDS)*
F'Marzu li ghadda Prof. Scicluna kien mistieden jindirizza partecipanti f'kors ghal Press Officers dwar x-xoghol ta' osservanza tal-elezzjonijiet. Il-kors, li sar fi Brussels, kien organizzat minn NEEDS (Network for Enhanced Electoral and Democratic Support). Prof. Scicluna kien mistieden jaghti l-lecture wara li kien ghadu kemm mexxa Missjoni ta' 120 Osservatur mill-UE ghall-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali li saru fl-Uganda fi Frar 2011.

*Laqgha tal-Grupp Socjalista u Demokratici f'Ateni*
Il-Grupp tas-Socjalisti u d-Demokratici fil-Parlament Ewropew (S&D) fl-ahhar gimgha ta' Marzu 2011 flok ma ltaqa' fi Brussel bhas-soltu, iltaqa' f'Ateni, il-Grecja. Dan sar b'sens ta' solidarjeta mal-Gvern Socjalista Grieg li kellu jiehu mizuri iebsin ta' awsterita wara d-dizastru finanzjarju li wiret mill-Gvern precedenti Konservattiv. Prof. Scicluna kien fost l-Membri Parlamentari Socjalisti Ewropej li mar Ateni u tkellem fuq il-krizi fiz-zona Ewro. Huwa kellu laqghat mal Prim Ministru Georios Papandreou, il-Ministru tal-Finanzi Georios Papacostantinou u l-Ministru taz-Xoghol Louka Katseli. Huwa kellu diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru Ghall-Affarijiet Interni u li hu inkarigat mill-emigranti irregolari.

## *Hidma favur Id-Drittijiet Umani u Civili fil-Kontinent Afrikan*

### *Edward Scicluna appuntat Osservatur Ewlieni ghall-Elezzjonijiet fl-Uganda*

Il-Kummissarju ghall-Affarijiet Barranin tal-Unjoni Ewropea, Catherine Ashton, appuntat lill-Ewroparlamentari Laburista Malti l-Professur Edward Scicluna bhala l-Osservatur Ewlieni tal-Unjoni Ewropea fl-elezzjnonijiet li se saru fi Frar fl-Uganda.

Il-kontingent ta' osservaturi mill-Unjoni Ewropea kellu 120 osservatur. Meta nnominat lill-Professur Scicluna ghal dan l-inkarigu, il-Kummissarju Ashton qalet li "ninsab ferhana li Edwrad Scicluna accetta li jiehu dan l-inkarigu ghall-ewwel darba. Prof Scicluna se jaghmel uzu mill-esperjenza teknika u eccellenti tieghu f'amministrazzjoni ta' elezzjoni, wara li serva bhala Kummissarju Elettorali f'Malta ghal diversi snin, kif ukoll wara l-esperjenza ricenti tieghu bhala osservatur tal-Parlament Ewropew f'delegazzjonijiet specifici ta' osservaturi f'elezzjonijiet fit-Tanzania u s-Sudan."

Ashton ddeskriviet dawn l-elezzjonijiet bhala importanti mhux biss ghall-Uganda nnifisha imma ghar-regjun. Din se tkun it-tieni darba minn meta ha l-poter fil-pajjiz il-Moviment tar-Rezistenza Nazzjonali fl-1986 li jsiru elezzjonijiet kontestati minn ghadd ta' partiti politici.

Ix-xoghol ta' Osservatur Ewlieni ghall-Elezzjonijiet Presidenzjali u Parlamentari fl-Uganda kien maqsum fi tlett mawriet fl-Uganda. L-ewwel biex iniedi il-Missjoni ta' Osservaturi, it-tieni waqt il-kampanja u l-elezzjonijiet innifishom, u l-ahhar biex jipprezenta r-Rapport lil awtoritajiet tal-pajjiz fosthom il-President Museveni, il-kap tal-Oppozizzjoni Besiyge, u kandidati ohra. Huwa ta' zewg konferenzi stampa u numru t'intervisti fuq ir-radju u t-television u l-gurnali tal-pajjiz. Waqt li fl-Uganda qed jizdied l-inkwiet u anke l-vjolenza politika wara protesti mill-Oppozizzjoni dwar ir-rizultat tal-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari li saru fi Frar li ghadda, l-Ewroparlamentari Laburista Edward Scicluna, ipprezenta r-rapport tieghu dwarhom. Ir-rapport komprensiv jinkludi numru ta' rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar fejn u kif jista' jkun hemm titjib fil-process demokratiku ghal quddiem. Il-mexxejja politici fl-Uganda jqisu dan ir-Rapport bhala bazi ghal djalogu.

Prof. Scicluna ha sehem fi tlett hearings kongunt fil-Kumitat Favur l-Izvilupp tal-PE li fiha Prof Scicluna gie mitlub jindirizza il-laqgha minhabba l-fatt li l-Kummissarju Ashton kienet appuntatu li jmexxi Missjoni ta' 120 persuni biex jissorveljaw l-elezzjonijiet Presidenzjali u Parlamentari fl-Uganda tat-18 ta' Frar, 2011.

Fid-9 ta' Jannar, 2011, Prof. Scicluna mar Khartoum, fis-Sudan, b'konnessjoni mar-referendum li b'rizultat tieghu l-pajjiz inqasam fi tnejn billi l-parti t'isfel giet iddikjarata pajjiz sovran u indipendenti.

***Assemblea Parlamentari Kongunta AKP-UE***

Bejn l-1 u s-6 ta' Dicembru 2010, Prof. Scicluna kien jifforma parti minn delegazzjoni tal-Parlament Ewropew li marret f'Kinshasa, Repubblika Demokratika tal-Kongo, biex tiehu sehem fl-20 sessjoni tal-Assemblea Parlamentari Kongunta AKP-UE. Huwa tkellem fuq ir-rwol tal-kummerc barrani fl-izvilupp tal-pajjizi sub-Saharan Afrikani.

Fl-14 ta' Marzu, 2011, Prof. Scicluna attenda laqgha tad-Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Assemblea Parlamentari Kongunta AKP-UE fi Brussel li trattat id-drittijiet umani fl-Etjopja u ghajnuna ghal zvilupp kif ukoll l-izviluppi dwar id-drittijiet umani fl-Iran.

# 3. Attivita fil-Kostitwenza

**KONFERENZI U SEMINARS PUBBLICI**

**Workshop organizzat mill-Ghaqda Nisa Laburisti** fl-1 ta' Frar, 2011, Prof. Scicluna indirizza lin-nisa b'rabta mal-Konferenza Generali Annwali 2011 fis-City Theatre l-Belt. It-tema tal-workshop kienet "L-impatt tas-sitwazzjoni ekonomika fuq il-mara".

**Business Breakfast ghall-unions Maltin kollha – GWU, UHM, CMTU u l-unions affiljati maghha**, FORUM u l-unions affiljati maghha, fis-27 ta' Mejju, 2011 Prof. Edward Scicluna indirizza Dawn kienu rapprezentati mill-amministrazzjonijiet rispettivi taghhom. Il-presentazzjoni saret fil-Lukanda Osborne, il-Belt, bit-tema "X'se tkun tfisser ghal pajjizna l-Governanza Ekonomika li qed tkun

diskussa fl-UE". Din l-attivita kienet organizzata mill-Ufficcju ta' Prof. Scicluna b'kollaborazzjoni mal-Grupp tas-Socjalisti u d-Demokratici fil-Parlament Ewropew (S&D).

**LAQGHAT PUBBLICI MAL-KOSTITWENTI**

Prof. Edward Scicluna kompla bil-laqghat mal-kostitwenti fuq bazi ta' Distretti Elettorali permezz ta' laqghat ta' Diskussjoni Pubblika bit-tema EJJA U STAQSI. Bejn Jannar 2011 u Lulju 2011 saru sitt Laqghat Pubblici mal-kostitwenti.

28-01-2011 – It-Tnax-il Distrett – Centru Laburista Naxxar
04-03-2011 – It-Tielet Distrett – Centru Laburista Fgura
01-04-2011 – L-Ewwel Distrett – Hotel Osborne, Valletta
20-05-2011 – It-Tmien Distrett – Il Cortile, Naxxar
17-06-2011 – It-Tieni Distrett – Caraffa Vaults, Vittoriosa
15-07-2011 – Id-Disa' Distrett – Waterfront Hotel, Gzira

**GHAWDEX**

- Indirizza Konferenza fuq Ghawdex organizzata mill-Partit Laburista Sezzjoni Distretwali (Ghawdex) fil-Hotel ta' Cenc. Tkellem dwar policies mehtiega biex jirrisolvu ftit mil-problemi li tiffacja l-gzira Ghawdxija.
- Indirizza laqgha tal-MCESD (Kumitat Regjonali ghal Ghawdex) fejn spjega fil-fond ir-relazzjonijiet li UE ghandha mal-gzejjer fl-Unjoni Ewropea specjalment il-mod kif thares lejn it-trassport marittmu lejn dawn il-gzejjer fid-dawl tad-Dirrettivi tal-Unjoni .
- Attenda u ppartecipa billi ghamel intervent f'laqgha li giet organizzata fil-Grand Hotel biex permess taghha jigu mfissra l-issues teknici u ekonomici tal-proposta li tista' ssir mina bejn iz-zewg gzejjer.

# 4. Media

Il-Parlamentarju Laburista Ewropew ghamel uzu shih tal-Media u t-Techonologija tal-Informatika permess tal-Website edwardscicluna.com, il-Facebook, LinkedIn, Youtube u Emails. Huwa jaghmel uzu tat-televizjoni u r-radju u jikkontribwixxi artikli fil-Print Media Maltija u Ingliza. Huwa ghandu programm regolari fuq it-televizjoni. F'dan il-perjodu ha sehem fil-program ewlieni tal-**BBC** "The Regard Europe" li jitratta fuq temi li jkunu qed jigu diskussi fil-Parlament Ewropew.

Matul dan il-perjodu il-Website giet moghtija dehra gdida billi tbiddlitilha l-istruttura taghha. Fil-kaz tal-Facebook infethet pagna gdida billi l-Profile Page lahqet il-kwota massima ta' 5000 friends.

**Print Media**

***l-orizzont***

Prof. Scicluna huwa korrispondent regolari ta' kull nhar ta' Tnejn f'dan il-gurnal. Bejn Jannar 2011 u Lulju 2011 kellu pubblikati 30-il artiklu.

03-01-2011 – Sena gdida, soluzzjonijiet godda
10-01-2011 – Il-Germanja u l-ewro
17-01-2011 – Il-pajjizi Mediterranji u l-ewro
24-01-2011 – It-Tunezija: Falliment ta' mudell demokratiku
31-01-2011 – Minn temporanju ghal permanenti
07-02-2011 – Bejn nemusa u ljunfant
14-02-2011 – Missjoni ta' osservanza mill-UE
21-02-2011 – Wara d-dahk jigi l-biki
28-02-2011 – Hemm ghalfejn jinxtered id-demm?
07-03-2011 – Decizjonijiet difficli dwar il-Libja
14-03-2011 – Sehem il-mara
21-03-2011 – Daqqiet tal-frosta
28-03-2011 – Beneficcju garantit
04-04-2011 – Solidarjeta mal-Grecja/Iz-zejt jitla' f'wicc l-ilma
11-04-2011 – Minkejja c-cokon taghna
18-04-2011 – Solidarjeta?
25-04-2011 – Sfida kbira ghall-UE
02-05-2011 – Ma nkunux dghajfa ma' min hu b'sahhtu
09-05-2011 – Governanza ekonomika: x'se tfisser ghal pajjizna
16-05-2011 – Is-solidarjeta fl-UE hi skarsa?
23-05-2011 – Sehem l-UE fuq il-palk dinji
30-05-2011 – Min se jkun il-Kap tal-IMF?
06-06-2011 – Rebbiegha Maltija
13-06-2011 – Mina twila bla xaqq ta' dawl
20-06-2011 – Mario Draghi
27-06-2011 - L-Unjoni Ewropea tilfet opportunita ohra
04-07-2011 – L-Afrika ta' Fuq u l-Ewropa tal-Lvant: hemm xi xebh?
11-07-2011 – Il-leave tal-maternita – X'ghandu jaghmel il-Gvern
18-07-2011 – Rating Agency Ewropea……taghmel sens?
25-07-2011 – Taxxa fuq transazzjonijiet finanzjarji

***The Times***

27-01-2011 – Spirit of solidarity cast in stone
11-03-2011 – Libya: intervention justifiable?
15-04-2011 – Lessons from the Greek crisis
25-05-2011 – Does the UE punch its weight?
01-07-2011 – An opportunity Europe has missed

**The Economic Update**

11-03- 20011 – Malta must be safeguarded by the new EU stability mechanism

***The Malta Independent u L-Malta Business Weekly***
*Ghal hafna drabi dawn il-gurnali tellghu artikli li fihom l-opinjonijiet tal-Prof Scicluna li esprima mal-gurnalisti gew moghtija importanza.*

## Radju

09-03-2011 – Intervistat fil-programm ta' diskussjoni **L-Argument f'nofs il-gimgha** tal-RTK dwar is-sitwazzjoni fil-Libja.

## Televison

- **PBS** – Programmi DOT.EU mtella mill-Ufficju tal-Parlament f'Malta
- **PBS** - BONGU. Slot kull nhar ta' Erbgha kull gimghatejn. Tul il-programmi kienu jkunu trattati suggetti kurrenti fil-Parlament Ewropew.
- **ONE TV** – "Inkontri" ma Joe Grima dwar l-immigrazzjoni.
- **SMASH TV–** Il-programm L-MEP U INT kull nhar ta' Gimgha. Bejn Jannar 2011 u Lulju 2011 saru 29 programm.

*It-Temi tal-Programmi L-MEP U INT kienu:*
07-01-2011 – Id- Dominanza tal-Germanja fl-UE
14-01-2011 – Il-Fisjonomija ekonomika tal-pajjizi Mediterranji
21-01-2011 – L-Inkwiet fit-Tunezija
28-01-2011 – L-Opinjoni mitluba ghat-tibdil fit-Trattat Ewropew
04-02-2011 – Ir-Rapport Opinjoni Tibdil fit-Trattat Ewropew
11-02-2011 – Il-Missjoni Osservaturi tal-UE fl-Uganda
18-02-2011 – L-Elezzjonijiet fl-Uganda
25-02-2011 – Rivoluzzjonijiet fit-Tunezija u fl-Egittu
04-03-2011 – Il-konsegwenzi tal-inkwiet fil-Libja
11-03-2011 – Jum il-Mara
18-03-2011 – Iz-zewg ftehim fuq il-Governanza Ekonomika
25-03-2011 – Il-mekkanizmu Ewropew ta' Stabbilita
01-04-2011 – F'Ateni
08-04-2011 – Nuqqas ta' solidarjeta mill-UE – Immigrazzjoni Illegali
15-04-2011 – Rifjut tal-UE ghal talba minn Malta u l-Italja - immigrazzjoni
29-04-2011 – Franza, l-Italja u l-Immigrazzjoni Illegali
06-05-2011 – Governanza Ekonomika
13-05-2011 – Inkwiet fil-Kontinent Afrikan
20-05-2011 – X'sahha ghandha l-UE?
27-05-2011 – Kandidatura ta' Christine Lagarde
03-06-2011 – Referendum dwar id-Divorzju
10-06-2011 – Decizjonijiet politici u amministrattivi zbaljati
17-06-2011 – Mario Draghi
24-06-2011 – Pakkett Governanza Ekonomika
01-07-2011 – Tixbih bejn il-Kontinent Ewropew u l-Afrika ta' Fuq
08-07-2011 – Leave tal-Maternita
15-07-2011 – Credit Rating Agencies
22-07-2011 – It-Taxxa fuq t-Tranazzjonijiet Finanzjarji
29-07-2011 - Harsa lejn is-sena parlamentari fil-Parlament Ewropew

**Stqarrijiet ghall-media**

Bejn Jannar 2011 u Lulju 2011 inhargu 11-il Stqarrija ghall-Mezzi tax-Xandir dwar hidmet Prof. Scicluna fil-Parlament Ewropew.

20-01-2011 – Edward Scicluna jinghata r-Rapport dwar it-tibdil fit-Trattat Ewropew
01-02-2011 – Edward Scicluna appuntat Osservatur Ewlieni ghall-Elezzjonijiet fl-Uganda
11-02-2011 – Edward Scicluna jibda hidmietu fl-Elezzjonijiet tal-Uganda
17-02-2011 – Approvat Rapport ta' Opinjoni li hadem fuqu Edward Scicluna
23-03-2011 – Garantit li pajjizi zghar bhal Malta jistghu jibbenefikaw mill-ESM
05-04-2011 – Kuntent li l-Prim Ministru bidel fehemtu dwar il-garanziji tal-ESM
10-05-2011 – Il-Mexxejja Politici fl-Uganda jaccettaw ir-Rapport Scicluna bhala bazi ghal djalogu
27-05-2011 – Il-Pakkett ta' Governanza Ekonomika
10-06-2011 – Prof Scicluna jirrapprezenta lill-ECON waqt zjara Presidenzjali fl-Isvizzera
23-06-2011 – L-UE tilfet opportunita kbira (l-approvazzjoni tal-Pakkett ta' Governanza Ekonomika)
01-07-2011 – Prof. Edward Scicluna jmexxi dibattitu dwar il-futur tal-manifattura Ewropea
14-07-2011 – Mitluba kjarifika dwar fondi tal-UE allokati lil Malta u li ma jintuzawx